# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2014, fit-8.30am, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa ssir filgħodu peress illi fl-10.30am il-Kunsill kellu jiltaqa mal-Onorevoli Stefan Buontempo, u biex jinfetħu t-tenders tal-knis tat-toroq u tal-Bulky Refuse.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi s-Sindku taż-Żurrieq qed jevita t-talbiet tiegħu biex jiddiskutu l-proġett tal-Ħlantun [ref punt 3.1]. Is-Segretarju Eżekuttiv qara emajl tas-sur Oliver Farrugia, mibgħuta lill-Kunsill taż-Żurrieq [Cc Kunsill ta' Ħal Safi] fejn kien hemm miktub illi parti tal-proġett taqa taħt il-konfini tagħna. Fl-istess emajl intqal illi sal-aħħar tas-sena l-MTA għandhom ilestu l-proġett.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit ikkonferma li minħabba l-KNPD hemm id-dewmien fuq id-deċiżjoni finali taċ-ċaqliq tal-ATM [ref punt nru. 3.3]. Il-kunsillier Publius Abdilla żied illi l-ATM qed iżżomm il-flus.

3.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-videographer għadu ma bagħat xejn rigward id-DVD tar-re-enactment tal-wasla tas-Sir Alexander Ball [ref punt 3.6].

3.4 Is-Sindku qal illi rċevejna l-go ahead ta' TM għat-talba tagħna biex nagħmlu postijiet tal-parkeġġ riservati għat-tobba barra l-kliniks tagħhom [ref punt 3.7]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi diġa hemm minn għandu post riservat quddiemhom. Is-Sindku qal illi għandna nżidu "MD" fejn hemm dawn il-postijiet riservati għat-tobba.

3.5 Is-Sindku qal illi se jkun hemm 2 klassijiet għall-iskola Sajf 2014 [ref punt 3.8]. It-tfal għandhom jibdew nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju.

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi żdiedu l-ammont ta' immigranti li jgħixu fir-raħal [ref punt 4.3] u għalhekk talab għall-informazzjoni li tah is-Sindku fil-laqgħa li kellu [ref punt 4.3]. Is-Sindku żied illi xtaq jiltaqa ma ftit mill-individwi ġodda li ġew jgħixu fir-raħal. Qal ukoll illi sfortunatament hemm minnhom li qegħdin iħallu ż-żibel barra fil-ħinijiet il-ħżiena u li ħalla ittra biex joħorġu iż-żibel biss fil-ħinijiet stipulati. Il-kunsillier Publius Abdilla żied illi hemm ħafna nies illi qegħdin iħallu ż-żibel barra u staqsa dwar il-possibilita li nużaw kameras fuq l-iskips. Is-Sindku rrisponda li dan se jsir wara l-Festa.

3.7 Is-Sindku qal illi l-KLŻ organizzaw it-turnament u użaw il-grawnd tar-ramel ta' Ħal Far [ref punt 6.1]

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda mistoqsija tal-kunsillier Publius Abdilla fejn ikkonferma li s-sur Ivan Pierre Vella [Transport Malta] ġie biex jara s-Shelter ta' Misraħ San Ġużepp u li se jerġa jibgħat lil FACES biex jagħmlu l-manutenzjoni li hemm bzonn [ref punt 6.2].

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra ta' Transport Malta rigward l-użu ta' earth electrodes waqt il-festi. Il-Kunsill dejjem ħadem b'sistema fejn jagħti l-permess biex wieħed jarma stand, izda l-individwi għandhom japplikaw għal dawn it-tipi ta' servizzi minn EneMalta u mhux il-Kunsill.

4.2 Il-kunsillier staqsa rigward l-emajl tar-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsill se jingħata €2000 għax-xiri tas-CCTV kamera.

4.3 Il-kunsillier Publius Abdilla għamel talba biex il-kunsilliera jirċievu l-lista tal-korrespondenza qabel il-laqgħa tal-Kunsill għax dan l-aħħar dawn ma kienux mibgħutin mal-Minuti.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fejn qegħdin il-mirji li inxtraw. Is-Sindku qal illi qegħdin fil-garaxx biex jinżebgħu u twaħħlu tnejn.

5.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għal liema AC's huma l-pagamenti dovuti fuq manutenzjoni ta' AC's. Dawn kienu għall-AC's fl-uffiċji, kif ukoll tal-kamra li qed tintuza fl-uffiċju tas-Sigurta Soċjali.

5.3 Il-kunsilliera qablu fuq il-Payment Approval Sheet u aċċettaw illi jsiru l-pagamenti.

**6. Sage**

6.1 Wara diskusjoni mal-Accountant tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamlu talba biex isir upgrade tas-Sage [is-sistema li tintuza għall-accounts] peress illi qegħdin nużaw versjoni antika u qed ikolna ftit problemi biex noħorġu t-trial balance bil-versjoni tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel talba biex nagħmlu upgrade tas-sistema, li tista tiswa l-fuq minn €500. Il-kunsilliera qablu fuq l-upgrade.

**7. Ħwejjeġ Oħra**

7.1 Is-Sindku qal illi għandu l-ħsieb li nagħmlu proġett tat-tisbieħ ta' Misraħ San Mattew u l-parti t'isfel ta' triq il-Ħajt Ruman. Qal illi għandhom isiru bankijiet u lighting points, kif ukoll ftit pots. Il-fondi għandhom jiġu mill-fondi tal-UIF. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa x'se jħawel. Is-Sindku rrisponda li 2 siġriet li jikbru sa ċertu daqs, pots għandhom ikunu tal-konkos u l-bankijiet għandhom ikunu fejn is-siġar. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk hemm pjanta lesta. Is-Sindku rrisponda fin-negativ. Żied illi d-dawl se tittieħed mill-bandli. Il-kunsilliera qablu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal biss illi l-bankijiet m'għandhomx isiru eżatt taħt is-siġar minħabba l-għasafar.

7.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandu lista ta' ħmistax is-suġġeriment/ ilmenti:

- Funtana tal-Playing Field: Qal illi ilha sentejn ma taħdem. Is-Sindku qal illi ltaqa mal-Works Department u qalu li se jirranġaw il-problema. Qal illi minħabba problema bejn individwi fl-istess dipartiment għadhom ma ġewx. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kellhom jisolvu l-problema wara sentejn u li l-Kunsill nefaq ħafna flus fuq il-funtana. Is-Sindku qal illi kien bagħat lill-ħaddiema tal-IPSL biex jaħdmu fuqha darbtejn izda hemm wisq ħsara u l-problemi għadhom hemm. Żied illi dan ix-xogħol għandu jsir wara s-sajf.
- Ħmieġ: Il-kunsillier Pietru Pawl qal illi hemm ħmieġ madwar ir-raħal u li dalwaqt ikun hawn il-festa. Is-Sindku qal illi qed isir ix-xogħol meħtieġ, anka fuq il-ħaxix.
- Pjanti: Hemm pjanti illi ilhom mejtin għal ħafna xhur. Is-Sindku qal illi jaf bihom.
- Bandiera: Il-bandiera ilha mqatta. Is-Sindku qal illi se nordnaw waħda. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa li nixtru madwar 6 u nżommuhom spare fil-Kunsill.
- Ħaxix: Qal illi hemm ħaxix ħażin [Karwija]. Is-Sindku qal illi l-ġardinar mar jaqta l-ħaxix hemmhekk jumejn qabel il-laqgħa. Is-Sindku żied illi l-ġardinar ma jistax imur kuljum lejn il-Karwija għax hemm izjed xogħol li rrid isir madwar ir-raħal.
- Roundabout: il-kunsillier qal illi l-pjanti għandhom bzonn ilma fir-rounabout tal-Karwija.
- Patching: ix-xogħol ma sarx sew.
- L-istat tas-siġar fil-ġnien T'Amparell: Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol għandu jsir izjed il-quddiem meta ma jkunx fihom żebbuġ.
- Ġnien quddiem il-Kunsill: il-pjanta ilhom mingħajr ilma u mietu issa.
- Saqaf tal-passaġġ it-tond [daħla tad-Day Centre]: Inqala mingħajr il-kunsens tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi qiegħed fil-garaxx u li l-kunsilliera kienu jafu li ser jitneħħa għaliex raw il-pjani u dan kien jidħol l-ilma minnhu.

**Fl-9.45am waslu rappreżentanti tal-kumpaniji li applikaw għat-tenders tal-istreet sweeping u Bulky Refuse. Għalhekk il-punti ta' ħwejjeġ oħra twaqqfu biex jinfetħu t-tenders.**

**Street Sweeping**

Il-Kunsill għamel talba għall-kwotazzjonijiet ta' Manual U/JEW bl-użu tal-magna. Dawn kienu l-kwotazzjonijiet:

Manual (€/sena):

WM Env: €14,790
Waste Collection: €15,487
Ronald Bezzina: €17,500
Owen Borg: €17,900
Lino Micallef: €18,000
Malcolm + Matthew: €19,900
Spiridione + Joseph Zammit: €22,181.28

Magna (€/sena)

Waste Collection: €15,487
Innovations Limited: €17,999
Lino Micallef: €18,000
Owen Borg: €18,900
Ronald Bezzina: €19,000

Il-Kunsill avza lit-Tenderers illi deċiżjoni rigward it-tip ta' servizz illi se tintuza se ssir fil-futur. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel għandu jistudja d-dokumenti kollha li rċevew il-Kunsill qabel ma tittieħed deċiżjoni. F'kaz illi l-Kunsill jixtieq juza magna għax-xogħol, dawk kollha li bagħtu tender bl-użu tal-magna għandhom jiġu juru l-magni tagħhom.

Bulky Refuse:

Tender: Per household, not exceeding 3 items per household!

Spiridione u Joseph Zammit: €1.97/item

Ronald Bezzina: €3/household

Lino Micallef: €1.60/household

Ma tmiem il-ftugħ tat-tenders, ir-rappreżentanti rrigrazzjaw lil Kunsill u ħarġu mill-kamra tas-seduti.

**Laqgħa mal-Onorevoli Stefan Buontempo.**

Fl-10.30am wasal l-Onorevoli Stefan Buontempo biex jiltaqa mal-kunsilliera.
Waqt il-laqgħa l-kunsilliera kellhom l-opportunita jagħtu suġġerimenti/ilmenti tagħhom. L-Onorevoli Stefan Buontempo talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat emajl bl-applikazzjonijiet għal fondi li ħarġu d-DLG fil-passat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda update fuqhom.

Il-kunsilliera rringrazzjaw lill-Onorevoli Buontempo għal ħin tiegħu.

Fil-11.15am l-Onorevoli Stefan Buontempo rringrazzja lil kunsilliera għax-xogħol illi jagħmlu għall-ġid tar-raħal. L-Onorevoli Buontempo, flimkien mar-rapprezentanti li kienu preżenti miegħu ħarġu mill-kamra tas-seduti.

**Il-laqgħa ma tkomplietx peress illi s-Sindku kellu jitlaq mill-Kunsill wara l-laqgħa mal-Onorevoli Buontempo.**
**Is-Segretarju Eżekuttiv avza lill-kunsilliera li għandna nkomplu bil-"ħwejjeġ oħra" fil-laqgħa li jmiss, u fl-istess laqgħa għandhom jiġi diskussi t-tenders għal Bulky Refuse u għall-istreet sweeping.**

**7. Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fil-11.15am.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- ta'Lulju 2014 fil- pm.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |

**Dawn huma l-punti li l-kunsilliera kellhom għall-"ħwejjeġ oħra" li ma ġewx diskussi:**

**Viċi Sindku Johan Mula:**

- **Cruise ta' Captain Morgan [8/8/2014]- prezz ta' €25.**

**Kunsillier Carlo Stivala:**

- **Highlighted pole fis-Central Strip tal-Karwija ħalli tidher bil-lejl.**
- **Hemm wires ma' siġra tal-palma f'triq il-Kaċċaturi u dawn il-wires wegħdin mad-dar tal-ġerrieni. Is-sid għandu jaqta s-siġra peress illi qegħda f'post privat.**
- **Hemm 2 arbli msaddin li għandhom bzonn jinbidlu.**
- **Jixtieq ikun jaf fejn qegħdin jitwaħħlu l-kameras portabli.**

**Kunsillier Publius Abdilla:**

- **Hemm 2 zebra crossings li qegħdin mingħajr sinjali**
- **Jixtieq rendikont ta' kull festa**